DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/233

tas-6 ta' Novembru 2018

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nri 3, 4, 6, 7, 11, 14, 16, 17, 19, 23, 24, 27, 29, 34, 37, 38, 43, 44, 46, 48, 50, 53, 60, 67, 69, 70, 74, 77, 83, 86, 87, 91, 94, 95, 98, 99, 100, 101, 104, 105, 110, 112, 113, 119, 121, 123, 128, 129, 132 u 137 u tar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 9, kif ukoll fir-rigward tal-proposti għal tliet Regolamenti ġodda tan-NU

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE ([1]), l-Unjoni ssieħbet fil-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, għat-tagħmir u għall-partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawk il-preskrizzjonijiet (il-"Ftehim tal-1958 Rivedut").

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE ([2]), l-Unjoni ssieħbet fil-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, għat-tagħmir u għall-partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (il-"Ftehim Parallel").

(3) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) issostitwixxiet is-sistemi ta' approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura ta' approvazzjoni tal-Unjoni, u stabbilixxiet qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dik id-Direttiva inkorporat regolamenti adottati fil-qafas tal-Ftehim tal-1958 Rivedut ("ir-Regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, jew bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew inkella bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem iktar fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(4) Fid-dawl tal-esperjenza u l-iżviluppi tekniċi, ir-rekwiżiti rigward ċerti elementi jew karatteristiċi koperti bir-Regolamenti tan-NU Nri 3, 4, 6, 7, 11, 14, 16, 17, 19, 23, 24, 27, 29, 34, 37, 38, 43, 44, 46, 48, 50, 53, 60, 67, 69, 70, 74, 77, 83, 86, 87, 91, 94, 95, 98, 99, 100, 101, 104, 105, 110, 112, 113, 119, 121, 123, 128, 129, 132 u 137, kif ukoll bir-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 9, jeħtieġ li jiġu mmodifikati.

(5) Sabiex jiġu ċċarati u kkonsolidati r-rekwiżiti relatati mal-komponenti li attwalment jinsabu f'diversi Regolamenti tan-NU, jeħtieġ li jiġu adottati tliet Regolamenti ġodda tan-NU dwar apparati għas-sinjalar bid-dawl (LSD), apparati għat-tidwil tat-toroq (RID) u apparati retroriflettivi (RRD). Dawn se jissostitwixxu u jħassru r-Regolamenti tan-NU Nri 3, 4, 6, 7, 19, 23, 27, 38, 50, 69, 70, 77, 87, 91, 98, 104, 112, 113, 119 u 123 mingħajr ma jinbidel l-ebda rekwiżit tekniku dettaljat diġà fis-seħħ sa issa.

(6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim tal-1958 Rivedut u fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Ftehim Parallel fir-rigward tal-adozzjoni ta' dawk il-modifiki u ta' dawk ir-Regolamenti ġodda tan-NU, peress li r-Regolamenti se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

([3]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

(7) F'dawk il-Kumitati, l-Unjoni għandha tiġi rrappreżentata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim tal-1958 Rivedut u fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Ftehim Parallel matul il-perjodu mit-12 sas-16 ta' Novembru 2018 għandha tkun waħda ta' votazzjoni favur il-proposti elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LÖGER

ANNESS

Nru tar-Regolament	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument ([1])
3	Proposta għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 3 (Apparati Retroriflettivi)	ECE/TRANS/WP.29/2018/91
4	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 4 (Tidwil tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara)	ECE/TRANS/WP.29/2018/92
6	Proposta għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 6 (Indikaturi tad-direzzjoni)	ECE/TRANS/WP.29/2018/93
7	Proposta għas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 7 (Fanali tal-pożizzjoni, tal-waqfien u tax-xifer aħħari)	ECE/TRANS/WP.29/2018/94
11	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 11 (Lukketti u ċappetti tal-bibien)	ECE/TRANS/WP.29/2018/127
11	Proposta għar-Rettifika 1 tas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 11 (Lukketti u ċappetti tal-bibien)	ECE/TRANS/WP.29/2018/155
14	Proposta għar-Rettifika 2 tar-Reviżjoni 5 tar-Regolament tan-NU Nru 14 (Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2018/156
16	Proposta għas-Suppliment 11 tas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2018/128
16	Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje 07 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2018/129
16	Proposta għas-serje 08 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2018/141
17	Proposta għas-serje 09 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 17 (Kemm jifilħu s-sits)	ECE/TRANS/WP.29/2018/142
19	Proposta għas-serje 05 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 19 (Fanali taċ-ċpar ta' quddiem)	ECE/TRANS/WP.29/2018/95
23	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 23 (Fanali tar-rivers)	ECE/TRANS/WP.29/2018/96
24	Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 24 (Sustanzi niġġiesa viżibbli, kejl tal-qawwa ta' magni ta' tqabbid bil-kompressjoni (duħħan tad-diżil))	ECE/TRANS/WP.29/2018/143
27	Proposta għas-serje 05 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 27 (Triangoli għat-twissija bil-quddiem)	ECE/TRANS/WP.29/2018/97
29	Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 29 (Kabini ta' vetturi kummerċjali)	ECE/TRANS/WP.29/2018/130

Nru tar-Regolament	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (1)
34	Proposta għas-Suppliment 6 tas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 34 (Prevenzjoni tar-riskji ta' nirien)	ECE/TRANS/WP.29/2018/120
34	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 34 (Prevenzjoni tar-riskji ta' nirien)	ECE/TRANS/WP.29/2018/121
37	Proposta għas-Suppliment 47 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 37 (Sorsi tad-dawl bil-filament)	ECE/TRANS/WP.29/2018/83
38	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 38 (Fanali taċ-ċpar ta' wara)	ECE/TRANS/WP.29/2018/98
43	Proposta għas-Suppliment 8 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 43 (Materjal tal-ħġieġ tas-sikurezza)	ECE/TRANS/WP.29/2018/122
44	Proposta għas-Suppliment 15 tas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 44 (Sistemi ta' trażżin għat-tfal)	ECE/TRANS/WP.29/2018/131
46	Proposta għas-Suppliment 6 tas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 46 (Apparati għall-viżjoni indiretta)	ECE/TRANS/WP.29/2018/123
48	Proposta għas-Suppliment 11 tas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2018/84
48	Proposta għas-Suppliment 12 tas-serje 05 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2018/85
48	Proposta għas-Suppliment 11 tas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2018/99/Rev. 1
48	Proposta għas-Suppliment 12 tas-serje 05 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2018/100
48	Proposta għas-Suppliment 18 tas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2018/101
48	Proposta għas-Suppliment 6 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)	ECE/TRANS/WP.29/2018/102
50	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 50 (Fanali tal-indikaturi tal-pożizzjoni, tal-waqfien u tad-direzzjoni għall-mopeds u għall-muturi)	ECE/TRANS/WP.29/2018/103

Nru tar-Regolament	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (1)
53	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 53 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi L_3)	ECE/TRANS/WP.29/2018/86
53	Proposta għas-Suppliment 20 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 53 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi L_3)	ECE/TRANS/WP.29/2018/87
53	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 53 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi L_3)	ECE/TRANS/WP.29/2018/104/Rev.1
53	Proposta għas-Suppliment 20 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 53 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi L_3)	ECE/TRANS/WP.29/2018/105
60	Proposta għar-Rettifika 1 tar-Reviżjoni 1 tar-Regolament tan-NU Nru 60 (Kontrolli mħaddma mis-sewwieq għall-mopeds/għall-muturi)	ECE/TRANS/WP.29/2018/152
67	Proposta għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 67 (vetturi LPG)	ECE/TRANS/WP.29/2018/124
69	Proposta għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 69 (Pjanċi riflettivi ta' wara għall-vetturi li jimxu bil-mod)	ECE/TRANS/WP.29/2018/106
70	Proposta għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 70 (Pjanċi riflettivi ta' wara għall-vetturi tqal u twal)	ECE/TRANS/WP.29/2018/107
74	Proposta għas-Suppliment 10 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 74 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-mopeds)	ECE/TRANS/WP.29/2018/88
74	Proposta għas-Suppliment 10 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 74 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-mopeds)	ECE/TRANS/WP.29/2018/108/Rev.1
77	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 77 (Fanali tal-parkeġġ)	ECE/TRANS/WP.29/2018/109
83	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 83 (Emissjonijiet tal-vetturi M_1 u N_1)	ECE/TRANS/WP.29/2018/144
83	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 04 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 83 (Emissjonijiet tal-vetturi M_1 u N_1)	ECE/TRANS/WP.29/2018/145
83	Proposta għas-Suppliment 12 tas-serje 05 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 83 (Emissjonijiet tal-vetturi M_1 u N_1)	ECE/TRANS/WP.29/2018/146
83	Proposta għas-Suppliment 12 tas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 83 (Emissjonijiet tal-vetturi M_1 u N_1)	ECE/TRANS/WP.29/2018/147
83	Proposta għas-Suppliment 18 tas-serje 07 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 83 (Emissjonijiet tal-vetturi M_1 u N_1)	ECE/TRANS/WP.29/2018/148

Nru tar-Regolament	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (1)
86	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 86 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi agrikoli)	ECE/TRANS/WP.29/2018/110/Rev.1
86	Proposta għas-Suppliment 7 tar-Regolament tan-NU Nru 86 (Installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl għall-vetturi agrikoli)	ECE/TRANS/WP.29/2018/111
87	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 87 (Fanali tas-sewqan binhar)	ECE/TRANS/WP.29/2018/112
91	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 91 (Fanali li jimmarkaw il-ġnub)	ECE/TRANS/WP.29/2018/113
94	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 94 (Kolliżjoni frontali)	ECE/TRANS/WP.29/2018/132
95	Proposta għas-Suppliment 7 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 95 (Kolliżjoni laterali)	ECE/TRANS/WP.29/2018/133
98	Proposta għas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 98 (Fanali ta' quddiem b'sorsi tad-dawl b'disċarġ tal-gass)	ECE/TRANS/WP.29/2018/114
99	Proposta għas-Suppliment 14 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 99 (Sorsi tad-dawl b'disċarġ tal-gass)	ECE/TRANS/WP.29/2018/89
100	Proposta għas-Suppliment 5 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 100 (Vetturi imħaddma bl-enerġija elettrika)	ECE/TRANS/WP.29/2018/134 + WP.29-176-03
100	Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 100 (Vetturi imħaddma bl-enerġija elettrika)	ECE/TRANS/WP.29/2018/135
101	Proposta għas-Suppliment 10 tar-Regolament tan-NU Nru 101 (Emissjonijiet ta' CO_2/Konsum tal-fjuwil)	ECE/TRANS/WP.29/2018/149
101	Proposta għas-Suppliment 8 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 101 (Emissjonijiet ta' CO_2/Konsum tal-fjuwil)	ECE/TRANS/WP.29/2018/150
104	Proposta għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 104 (Immarkar retroriflettiv)	ECE/TRANS/WP.29/2018/115
105	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 06 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 105 (Vetturi ADR)	ECE/TRANS/WP.29/2018/126
110	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi CNG u LNG)	ECE/TRANS/WP.29/2018/125
110	Proposta għar-Rettifika 1 tar-Reviżjoni 3 tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi CNG U LNG)	ECE/TRANS/WP.29/2018/153
112	Proposta għas-serje ta' emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 112 (Fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ baxx asimmetriku)	ECE/TRANS/WP.29/2018/116

Nru tar-Regolament	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument (1)
113	Proposta għas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 113 (Fanali ta' quddiem li jitfgħu raġġ baxx simmetriku)	ECE/TRANS/WP.29/2018/117
119	Proposta għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 119 (Fanali għall-kantunieri)	ECE/TRANS/WP.29/2018/118
121	Proposta għar-Rettifika 1 tas-Suppliment 2 tar-Regolament tan-NU Nru 121 (Identifikazzjoni tal-kontrolli, tal-indikaturi operatorji u tal-indikaturi)	ECE/TRANS/WP.29/2018/154
123	Proposta għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 123 (Sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem (AFS))	ECE/TRANS/WP.29/2018/119
128	Proposta għas-Suppliment 8 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 128 (Sorsi tad-dawl LED)	ECE/TRANS/WP.29/2018/90
129	Proposta għas-Suppliment 8 tar-Regolament tan-NU Nru 129 (Sistemi Mtejba ta' Trażżin għat-Tfal)	ECE/TRANS/WP.29/2018/136
129	Proposta għas-Suppliment 5 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 129 (Sistemi Mtejba ta' Trażżin għat-Tfal)	ECE/TRANS/WP.29/2018/137
129	Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 129 (Sistemi Mtejba ta' Trażżin għat-Tfal)	ECE/TRANS/WP.29/2018/138
129	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 129 (Sistemi Mtejba ta' Trażżin għat-Tfal)	ECE/TRANS/WP.29/2018/139
132	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 132 (Apparati mwaħħla retroattivament ta' Kontroll tal-Emissjonijiet (REC))	ECE/TRANS/WP.29/2018/151
137	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 137 (Impatt frontali b'enfasi fuq is-sistemi ta' trażżin)	ECE/TRANS/WP.29/2018/140
Regolament tan-NU ġdid	Proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar l-Apparati għas-Sinjalar bid-Dawl (LSD)	ECE/TRANS/WP.29/2018/157
Regolament tan-NU ġdid	Proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar l-Apparati għat-Tidwil tat-Toroq (RID)	ECE/TRANS/WP.29/2018/158
Regolament tan-NU ġdid	Proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar l-Apparati Retroriflettivi (RRD)	ECE/TRANS/WP.29/2018/159

(1) Id-dokumenti kollha rreferenzjati fit-tabella huma disponibbli pubblikament fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/gen2018.html

Nru tal-GTR	Titlu tal-punt fl-aġenda	Referenza tad-dokument
UN GTR 9	Proposta għall-Emenda 2 għall-UN GTR Nru 9 (Sikurezza tal-persuni bil-mixi)	ECE/TRANS/WP.29/2018/160 & 161